# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN
# AVVIŻI 4 TA' AWWISSU 2019

**Dħul tal-istatwa ta' Sant'Anna fin-Niċċa**

Għada l-Ħadd 4 ta' Awwissu 2019 fid-9:15am quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla tal-ġid li wettaq magħna fil-jiem tal-festa. Wara l-quddiesa jsir id-dħul tal-istatwa ta' Sant'Anna fin-niċċa.

**Quddiesa fit-9:00am**

Nhar ta' Erbgħa matul ix-xhur ta' Awwissu fil-Knisja Parrokkjali ser ikollna quddiesa fid-9:00am. Inħeġġu lil kulħadd sabiex fil-vaganzi tas-sajf insibu ħin għal Ġesù.

**Legion of Mary**

Bi tħejjija għall-festa ta' Santa Marija, il-Ġimgħa 9 ta' Awwissu 2019, il-Grupp tal-Legion of Mary ser janimaw il-quddiesa tas-6:30pm u wara purċissjoni bix-xbieha tal-Madonna li toħroġ mill-knisja parrokkjali sal-bandli u nerġu lura lejn il-knisja. Matul il-purċissjoni nitolbu t-talba tar-Rużarju.

**Magħmudija Komunitarja**

Is-Sibt 10 ta' Awwissu 2019 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fil-5.15pm.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Is-Sibt 10 ta' Awwissu 2019 fil-Knisja Parrokkjali tal-Iklin fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11.00pm.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Awwissu 2019. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.